MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 363/2010

**Banif Bank (Malta) plc numru tar-registrazzjoni C 41030**

**Vs**

**Graham Charles Ducker (K.I. 18827A)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhiex jkun ikkundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, disa' mija u tmintax–il Euro u erbgha u sittin centezmu (€7,918.64) u dan in rapprezentanza ta' l-ammonti dovuti fuq il-kontijiet bankarji tieghu u specifikatament:

1. sebat elef, disa' mija u hmistax–il Euro u tmienja u sebghin centezmu (€7,915.78) rapprezentanti l-ammont dovut fuq is-self moghti lill-konvenut mis-socjeta' attrici ai termini tas-Sanction Letter tal-25 ta' Settembru 2008,

annessa mar-rikors u markata Dok A, u li jikkoncerna l-loan account tieghu bin-numru 379471001. Dan l-ammont jinkludi l-imghax li sal-5 t' Ottubru 2010 kien jammonta ghall-hames mija, tnejn u sebghin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€572.74).

In oltre, dan l-ammont sar dovut lis-socjeta' attrici stante li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fis-Sanction Letter, partikolarment izda mhux esklussivament – '(a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility'; u

2. zewgt Euro u sitta u tmenin centezmu (€2.86) fuq is-Savings Account tal-konvenut mas-socjeta' attrici, bin-numru 379418001 rapprezentant ammont migbud indebitament minn dan il-kont. Dan l-ammont jinkludi l-imghax li sal-5 t'Ottubru 2010 kien jammonta ghal centezmu (€0.01).

Id-dettalji tas-somma komplessiva dovuta jidhru fil-bank statement, hawn anness u markat Dok (B).

Illi s-socjeta' attrici interpellatu biex ihallas permezz t'ittra legali datat 12 t'Ottubru 2009, ittra ufficali taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta datata t-23 ta' Novembru 2009 kif ukoll ittra ufficjali datata l-16 t'April 2010, annessi mal-avviz u markati Dok C, D, u E, izda il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni ta din il-kawza li s-socjeta' attrici kienet kostretta tiftah.

Illi r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici jafu bil-fatti personalment.

Bl-imghax skond l-ghola rata permessa mil-ligi mill-5 t'Ottubru 2010 sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali u l-ittri ufficjali msemmija aktar 'l fuq u kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtellatorju prezentat ma din il-kawza.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju u bir-rizerva ghall-pretensjonijiet ohra tas-socjeta' attrici kontra tieghu.

Rat l-anness dokumett gja msemmi u markat Dok A minn fol 3 sa fol 10 tal-atti kif ukoll id-dokument l-iehor markat Dok B numru fol 11 sa fol 15 ibid u dawk markati nurmu Dok C sa Dok E a fol 16 sa fol 20 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, avolja notifikat skont il-ligi a bazi tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qatt ma deher quddiem il-Qorti jew, b'xi mod, ikkontesta t-talba attrici.

Ikunsidrat

Illi, da parti taghha, is-socjeta' attrici pproduciet lil Kurt Polidano li, illum stess, waqt is-seduta, kkonferma, taht gurament, dak kollu kontenut fir-rikors in esami u li l-konvenut ghadu sallum debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont specifikat fl-istess rikors.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti mir-rikors in esami u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' €7918.64 bl-imghax legali, skond l-ghola rata permessa mill-ligi, mis-sitta (6) ta' Ottubru, 2010 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali u tal-ittri ufficjali msemmija fl-istess rikors u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tas-7 ta' Ottubru 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------